MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KEVIN MOMPALAO**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 31/2012

Thomas Smith Insurance Agency Limited agenta ta' GasanMamo Insurance Ltd u l-istess GasanMamo Insurance Ltd.

-vs-

Anthony Camilleri

It-Tribunal

Ra' l-avviz tat-talba prezentat fit-12 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) illi permezz tieghu l-atturi talabu hlas ta' danni fis-somma ta' elfejn mitejn u erbgha Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€2204.75) minghand il-konvenut bhala rifuzjoni ta' danni li l-atturi hallsu ghan nom tal-konvenut, fil-kwalita taghhom ta' kumpaniji ta' l-assikurazzjoni u dan fit-termini u kif obbligati mill-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u dan wara incident awtomobilistiku li sehh fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnaz (2012) meta waqt li kien qed isuq il-vettura CBD 639 kkaguna hsarat fil-vetturi CDB 563 u GAU 256; u dan peress illi

effettivament il-polza ta’ l-assikurazzjoni ma kienitx tkoprieh stante illi fil-mument ta’ l-incident huwa kien taht l-influenza ta’ l-alkohol. Dan bl-ispejese kollha nkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tas-26 ta’ Marzu 2012

Ra r-risposta ghal din il-kawza fejn l-konvenut laqa’ billi eccepixxa illi huwa qatt ma gie notifikat b’ittra ufficcjali qabel il-kawza u ghalhekk il-kawza hi intempestiva u fit-tieni lok eccepixxa illi it-talba attrici hi nfondata fid-dritt u fil-fatt stante illi l-konvenut ghamel il-claim u hallas l-excess u ghalhekk l-kumpanija assikuratrici ma tistax ma tonorax l-obbligazzjoniet taghha ta’ hlas.

Ra’ l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-dokumenti esebiti.

Sema’ ix-xhieda bil-gurament; u ra t-traskrizzjonijiet ta’ l-istess depozizzjonijiet

Ra d-digriet tieghu tal-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Illi l-fatti li precedew din il-kawza huma semplici. Il-konvenut bil-vettura tieghu kien involut f’incident tat-traffiku li fih huwa laqat zewgt vetturi. Il-kumpanija assikuratrici tieghu kif inhi obbligata li taghmel fit-termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta hallset id-danni lit-terzi. Illum il-kumpanija assikuratrici qeghda titlob li tirkupra dawk l-ispejjes li hallset stante illi qed tallega li fil mument ta’ l-incident l-assikurat taghha ma kienx kopert bil-polza ta’ assikurazzjoni stante illi kien qed isuq taht l-effetti ta’ l-alkohol.

Wara diversi talbiet minn dan it-tribunal l-kumpanija assikuratrici attrici esebit il-polza ta’ l-assikurazzjoni fejn f’kundizzjon numru hdax (11) taht it-titolu *General Exceptions* ( fl-ahhar pagna tal-polza) jinghad hekk:- *Loss, damage, cost, or expenses of whatsoever nature directly or indirectly caused by the driver at the time of the accident was under the influence of alcohol in excess of*

*what is allowed under the legislation of the country the accident occured, or drugs.*

Klawsola ta' ezoneru bhal din hija valida fit-termini tal-Kap 104 sakemm tirregola r-relazzjoni guridika bejn l-assikurazzjoni u l-klijent, u sakemm din ma taffettwax lit-terz imgarrb; li fil-konfront tieghu l-assikurazjoni hi obbligata li thallas bi dritt ta' rkupru minn ghand l-assikurat taghha f'kaz li tavvera ruhha xi eccezzjoni simili. Ghalhekk il-klawsola in ezami hi wahda valida.

Illi din hija eccezzjoni li tiddepartixxi min-norma f'ligi mahluqa ghal skopijiet ta' utilita socjali u ghalhekk l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lil klawsola simili ghandha tkun wahda restrittiva. F'dan il-kaz l-eccezzjoni qed tohloq kondizzjoni li sabiex wiehed ikun meqjus li qed isuq taht l-influenza ta' l-alkohol irid ikun qed isuq wara li jkun ikkonsma alkohol in eccess ta' dak permess mil-ligi tal-pajjiz.

Il-problema f'dan il-kaz hija illi l-konvenut meta kien arrestat u intalab li jittehidlu it-test biex ikun stabbilit il-livell ta' l-alkohol, irrifjuta li jisubixxi ghal ta' dan it-test:- "*Jien minhabba kif trattawni, ma hassejtx li kelli nikkopera maghhom u irrifjutajt*". (xhieda konvenut 26 ta' April 2013).

It-Tribunal huwa konvint illi l-konvenut ma kienx mija fil-mija f'sikktu fil-mument tas-sewqan. Jidher illi l-konvenut ghandu problema ta' l-alkoholizmu. Barra minn hekk jirrizulta mill-provi li l-konvenut kien ghadu hiereg minn l-isptar ftit jiem qabel u kien qed jiehu certa kura li zgur ma kinitx tikkumplimenta x-xorb aklkoliku.

Il-mod kif gab ruhu l-konvenut ma jhalli l-ebda dubbju li huwa verament ma kienx f'sikktu li jaghti suspett ta' eccess ta' alkohol. Ma hux normali li bniedem jagixxi bil-mod deskritt mix-xhieda ta' l-ufficcjali tal-pulizija ftit minuti wara l-incident. L-anqas hu normali li hin wara ikun ghadu ma sabx l-art, u sahansitra jispicca jhammeg tahtu go l-ghassa tal-pulzija.

Nonostante dan kollu l-eccezzjoni ghal polza ta' l-assikurazzjoni titlob rekwizit iehor; u cioe illi l-konvenut ossia l-assikurat ikun ecceda l-limitu ta' alkolhol preskritt mil-ligi tal-pajjiz.. Kif osservat testijiet ma sarux u dan stante ir-rifjut u nuqqas ta' koperazzjoni tal-konvenut. Il-ligi tipprevedi u tindirizza sitwazzjonijiet simili ghal dik odjerna. Dan taghmlu fil-kap hamsa u sittin (65) tal-ligijiet ta' Malta (Ordinanza Dwar irRegolament tat-Traffiku) fejn fl-artikolu 15 E (4) tipprovdi illi "*Persuna illi tirrifjuta jew tonqos li taghti kampjun mehtieg hekk kif stabbilit taht dan l-artikolu jew ir-regolamenti maghmula taht din l-ordinanza tkun hatja ta' rejat u sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alkohol fid-demm ta' dik il-persuna ikun izjed mil-limitu preskritt*'". Izda kif tghid l-istess ligi din il-prezunzjoni tapplika <u>meta l-kampjun ikun mehtieg hekk kif stabbilit taht dak l-artikolu jew ir-regolamenti</u>. L-arikolu 15 E innifsu jaghmilha cara illi dan il-kampjun hu metieg biss sabiex jigi stabbilit jekk l-persuna involuta hijiex responsabbli ghal rejat.

Il-ligi mkien ma tindirizza din il-materja ghal finijiet Civili, u kif intqat bhala eccezzjoni ghal regola ta' utilita socjali l-eccezzjoni fuq il-polza ta' assikurazzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni ristretta.

Fil-kaz odjern il-provi migjuba jinkwadraw f'riha ta' xorb li xammew il-pulizija, li minnha innifisha ma tfissisx illi dan kellu eccess ta' alkohol fid-demm; kif ukoll l-attitudni xejn pozittiva tieghu; attitudni li dan it-tribunal seta joserva anke mill-imgieba tal-konvenut fis-seduti li saru quddiemu u li jista frankament b'konvninzjoni jinghad illi hija intrinsika ghal karattru tal-konvenut. Dan wahdu ma jikkostitwix prova sufficjenti.

Ghalhekk galadarba ma hemmx il-prova ta' l-ammont ta' alkohol fid-demm u galadarba l-prezunzjoni kkontemplata mil-ligi hija applikabbli biss ghal finijiet kriminali u ghalhekk ma tistax tigi mportata ghal dan il-kaz, ghandu jigi ritenut illi l-kaz ma giex puvat. Huwa minnu illi is-sitwazzjoni kif inhi qed tippremja lil min jista jkun fi stat ta' sokor u jirrifjuta li jaghmel it-test relattiv. Izda sitwazzjoni bhal din trid tkun indirizzata fil-polza infisha, stante illli hija din li

tirregola r-relazzjoni kontrattwali bejn l-assikurazzjoni u l-assikurat.

F'dawn ic-cirkostanzi t-talba attrici ma tistax tirnexxi.

Ghaldaqstant dan it-tribunal filwaqt illi jilqa l-eccezzjonijiettal-konvenut, jichad it-talbiet attrici. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz spejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------